

21. PROTOKOLL DWAR IR-RELAZZJONIJIET ESTERNI TA' L-ISTATI MEMBRI FIR-RIGWARD TAL-QSIM TA' FRUNTIERI ESTERNI

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-bżonn ta' l-Istati Membri li jiżguraw kontrolli effikaċi mal-fruntieri esterni tagħhom, bil-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi meta jkun l-każ,

FTEHMU fuq id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jstabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

Artikolu uniku

Id-disposizzjonijiet fir-rigward tal-miżuri dwar il-qsim tal-fruntieri esterni inklużi fl-Artikolu III-265 (2)(b) tal-Kostituzzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinneogjaw jew jikkonkludu ftehim ma' pajjiżi terzi sakemm dawn jirrispettaw id-dritt ta' l-Unjoni u ftehim internazzjonali pertinenti.
